# ID-DATI EWLENIN FIL-ĦAJJA TA' VASSALLI

| | |
|---|---|
| 15 ta' Jannar 1761 | Grabiel Vassallo ta' 28 jiżżewweġ lil Katerina Magro ta' 22, it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ. |
| 22 ta' Diċembru 1761 | Titwildilhom bint u jsemmuha Marċella għal omm Katerina. |
| 5 ta' Marzu 1764 | Jitwildilhom iben u jgħammduh dak inhar bħala Mikiel (għal missier Grabiel) u Anton (għal missier Katerina). |
| 27 ta' Novembru 1765 | Jitwieled iben ieħor u jsemmuh Filippu Saver. |
| 20 ta' Ġunju 1766 | Imut Grabiel fl-għomor ta' 32 sena. |
| 19 ta' Ġunju 1770 | Katerina terġa' tiżżewweġ, did-darba lil Gejtan Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ ukoll. Minn daż-żwieġ ma kienx hemm ulied. |
| 11 ta' Mejju 1785 | Vassalli m'għadux ma' niesu Ħaż-Żebbuġ. Jitgħallem l-Għarbi taħt Dun Ġużepp Calleja, għalliem ta' l-Iskola ta' l-Għarbi, il-Belt Valletta. Vassalli jidher bħala wieħed fost l-erba' studenti rebbieħa tal-premju ta' l-Għarbi; il-premju fih 40 skud Ruman. F'Lulju jitla' Ruma jissokta l-istudji tiegħu. |
| 1788 | Vassalli jagħmel talba biex jibda jgħallem il-Liturġija Orjentali u s-Sirjakk fl-Università La Sapienza. |
| 1790 | Vassalli magħruf bħala Professur ta' l-Ilsien Sirjakk. Joħroġ l-*Alfabet Mâlti Mfysser byl Mâlti u byt-Taljân, Alfabeto Maltese spiegato in lingua maltese e italiana*, mitbugħ f'Ruma għand Antonio Fulgoni. |
| 1791 | Joħroġ il-*Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis*, għand Fulgoni wkoll. |
| 1793 | Jagħmel it-traduzzjoni tat-tliet kitbiet famużi ta' Palermu bl-Għarbi Kufiku. Vassalli jaqlibhom fl-Għarbi Nesħi u fil-Latin; joħroġhom f'Ruma bħala t-*Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia.* |
| 11 ta' April 1795 | Jikteb lill-Gran Mastru de Rohan u jitolbu l-permess biex jiftaħ skola għat-tagħlim tal-Malti. Jidħol sew fil-qasam politiku. |
| 1796 | Joħroġ il-*Lexicon* bid-*Discorso Preliminare* mimli fehmiet soċjali, lingwistiċi u politiċi mnebbħin mill-Illuminiżmu: *Ktŷb yl Klŷm Mâlti mfysser byl-Latin u byt-Taljan sive Liber Dictionum Melitensium – Lexicon Melitense-Latino-Italum,* mitbugħ ukoll f'Ruma għand Fulgoni. |

| | |
|---|---|
| 11 ta' Mejju 1797 | Tinkixef il-konfoffa kontra l-Gvern ta' l-Ordni, u Vassalli, meqjus bħala l-mexxej tagħha, jisfa arrestat u mressaq quddiem tribunal maħtur għal dan il-għan. |
| 12 ta' Ġunju 1797 | Vassalli jinsab ħati u jintbagħat għomru l-ħabs. Jagħlquh ir-Rikażli minn fejn x'aktarx ħarrbuh ħbiebu għaxar xhur wara u ħaduh l-Italja t'Isfel. |
| 10 ta' Ġunju 1798 | Vassalli ħieles f'pajjiżu mal-wasla ta' Napuljun li jfaħħru bħala l-egħref fost il-Maltin, ikkundannat għas-sehem li ħa fir-Rivoluzzjoni. |
| 17 ta' Lulju 1798 | Vassalli jikteb lill-Gvern Rivoluzzjonarju Franċiż u jitolbu l-ħatra ta' għalliem ta' l-Għarbi flok Dun Ġużepp Calleja li miet fid-29 ta' Mejju. |
| 28 ta' Settembru 1799 | Joħroġ mill-Belt imblokkata u b'amar tal-Kmandant Alexander Ball tal-Qawriet Ingliżi f'Malta jintbagħat il-ħabs fl-Imdina. |
| 16 ta' Settembru 1800 | Jisfa kkundannat mill-Ingliżi għall-eżilju għal għomru. |
| 15 ta' Jannar 1801 | Jitlaq minn Malta fuq il-brigantin is-*San Nicola* lejn Tunes mnejn jibqa' sejjer lejn Franza. |
| 1813c | Jiżżewweġ lil Katerina Formosa de Fremaux fi Franza. |
| 1814 | Jitwildilhom l-ewwel iben, Grabiel, f'Marsilja. |
| 1815 | Jitwildilhom it-tieni iben, Saver. |
| 1817 | Jitwildilhom fi Spanja t-tielet iben, Mikiel Anton. |
| 19 ta' Ġunju 1820 | Vassalli jerġa' lura Malta fuq il-brigantin is-*Saint Francis* wara vjaġġ ta' ħamest ijiem minn Marsilja. |
| 2 ta' Ottubru 1820 | Martu u wliedu jaslu Malta fuq l-istess bastiment. |
| 1 ta' Novembru 1820 | Jidher avviż fil-*Malta Government Gazette* li Vassalli mħejji jgħallem il-Franċiż f'nru 347, Triq San Pawl, Il-Belt. |
| 21 ta' Frar 1825 | Vassalli maħtur professur tal-Malti fl-Università b'talba ta' John Hookham Frere li jidħol biex iħallas il-paga tal-katedra. |
| 10 ta' Mejju 1826 | Jidher avviż fil-*Malta Government Gazette* li kienu qed jintlaqgħu l-abbonamenti għat-tieni ħarġa tal-Grammatika u d-Dizzjunarju ta' Vassalli. |
| 3 ta' Ottubru 1827 | Tidher l-aħbar fil-*Malta Government Gazette* li l-"wisq mistennija *Grammatika Maltija*" fl-aħħar tinsab għall-bejgħ. Hija t-tieni edizzjoni tal-*Grammatica della lingua maltese.* |

| | |
|---|---|
| 1828 | Vassalli, joqgħod 2, *Strada Misida detta tal-Guarda Mangia, Pietà,* qrib il-villa ta' Hookham Frere, joħroġ il-*Motti, aforismi e proverbii maltesi.* Il-volum, bi 863 qawl u espressjoni idjomatika, fih kelmtejn ta' radd il-ħajr lil Hookham Frere. |
| 12 ta' Jannar 1829 | Vassalli jmut fl-għomor ta' 65 sena f'Tal-Pietà. Jidfnuh l-għada, 13 tax-xahar, imċaħħad minn difna Kattolika. |
| 1829 | Toħroġ f'Londra, wara mewtu, it-traduzzjoni li Vassalli għamel tal-Vanġeli u l-Atti ta' l-Appostli: *Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum* mill-*Vulgata.* |
| 1831 | Wara mewtu wkoll toħroġ it-traduzzjoni tiegħu mill-Franċiż ta' Charles Rollin, il-ktieb favorit ta' Napuljun: *Storja tas-Sultan Ċiru moħuda myr-Rollin.* |